Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- SITTA U ĦAMSIN LAQGĦA  TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 11 ta' Jannar  2012

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-7.37pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur G. Borg

**Skuzat:** Is-Sur T. Degiorgio

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tas- 7 ta' Jannar 2012 mingħand il-Kunsillier T. Degiorgio fejn informa lill-Kunsill illi kien ser ikun imsiefer fuq xogħol u ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuza).

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is- Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti ghall-approvazzjoni mis-Sur J.Cassar, li kien issekondat mill-Viċi-Sindku Is-Sur J. Galea.  Il-minuti kienu approvati unanimament.  Il- Vici Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

Il-Kunsillier G. Borg xtaq jagħmel osservazzjoni biss fejn fl-opinjoni tiegħu kien jkun aħjar jekk xi darba tiġi devoluta l-art ta'fi Triq Wesgħa Prof. Guze Aquilina 'l-binja kella tkun ssir minn naħa ta' Triq Idmejda u mhux minn Triq Birbal kif kien ġie deċiz.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Ma kien hemm ebda osservazzjonijiet xi jsiru fuq il-minuti.

**3. <u>Korrispondenza</u>**

**<u>I</u>ttra Numru 1396/12 –** Memo Nru 122/11 fuq Finanzjament ta'Proġett ta' Restawr ta' Postijiet storiċi Zgħar. Il-Kunsill wera interess f'din l-inizjattiva u ssuġerixxa li jiġi rrestawrat il-pavi tas-Salib tat-Tlett Knejjes. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera.

**Ittra Numru 1412/12** – Talba għall-kumpens minn sewwieq ta' karozza wara li faqa' it-tyres hu u għaddej minn Wied Ħal-Balzan. Il-Kunsill ddeċieda li jħallas dan il-kumpens.

**Ittra Numru 1416/12** – Ittra mill-Malta Indipendent fejn infurmawna li mhux ser jibqgħu jagħtuna il-gazzetta b'xejn u li hekk aħna interessati nħallsu għaliha. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz jieqaf.

**Ittra Numru 1417/12** – Ittra minn-Projects Innovative Limited li huma il-kuntratturi tad-tindif tat-toroq fejn infurmawna li 'l-magna biex tnaddaf it-triq reġgħet bdiet tintuza wara insistenza tal-Kunsill għax dan l-aħħar kien hemm xi ilmenti fuq it-tindif. Il-Kunsill nnota b'sodisfazzjonn li is-servizz reġa tjieb

**Ittra Numru 1418/12** – Stedina lil-Kunsill biex jattendi għal-laqgħa dwar "*Demonstrating of the feasibility of electric vehicles towards climate change mitigation*". Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom jattendu għal din il-laqgħa.

**Ittra Numru 1422/12** – Ittra mingħand l-AYA li hija NGO li tgħin lit-tfal u ġenituri jirrealizzaw l-importanza li jkun attivi u kontroll tal-piz. Il-Kunsill informa lil-Aġent Segretarju biex jagħmel laqgħa ma din l-Assoċjazzjoni.

**Ittra Numru 1423/12** – Ittra mingħand SOS Malta Intercultural Event. Il-Kunsill talab għal aktar informazzjoni.

## 4. <u>Aġġudikazzjoni tat-Tender dwar l-offerti li ntefgħu rigward "*Project Administrator* fuq il-Proġett ERDF 205"</u>

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara il-laqgħa li kellu 'l-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni mal-Perit Bezzina inkarigat mill-Proġett fejn infurmana li iż-żewġ applikanti għandhom ir-rekwiżiti validi biex ikunu jistgħu iservu f'dan ix-xogħol. L-unika problema li jista' jkun hemm hi li wieħed mill-applikanti huwa NGO u għalhekk kien ikun aħjar jekk wieħed jivverifika jekk setawx bħala NGOs jitfgħu it-tender għal dan ix-xogħol. Is-Sindku kompla biex qal li hemm wkoll differenza bejn iż-żewg offerti ta' kważi € 8000 ewro u li fl-opinjoni tiegħu din għandha tingħata lil inqas offerenti. Issuġerixxa wkoll li niktbu wkoll lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex inkunu żguri mill-għazla li nkunu qed nagħmlu.

Sadanittant l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kiteb lil- PPCD biex jara jekk f'kaz li jingħata lil dan l-NGO ikunx hemm problema fl-għoti tal- Grant Agreement taħt il-fondi ta' l-ERDF. Ir-risposta tagħhom kienet li għal raġuni li s-sejħa għall- *Project Administrator* ma kienitx tikkwalifika taħt dawn il-fondi ma kienitx ser taffettwa dan il-*Grant*.

Għalhekk ġie deċiz mill-Kunsill li wara li jkollna il-kjarifiki meħtieġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti inkunu nistgħu nipproċedu bl-aġġudikazzjoni tal-*Project Administrator*.

Fuq suġġett ieħor li l-Aġent Segretarju xtaq jinforma lill-Kunsill li ma kienitx fuq l-Aġenda peress li ġiet innotat l-bieraħ x'ħin kienet diġa ntbgħatet l-Aġenda imma għandha ċertu importanza li trid tiġi ndirizzata hija l-aġġudikazzjoni tal-*Street Furniture* għal dan il-proġett. L-Aġent Segretarju qal li għal dan il-għan kienet ħarġet quotation u mhux tender u għalhekk minħabba li l-offerti mitfugħa jaqbżu il-limitu stabbilit skond il-Ligi Sussidjarja (Finanzi) Part VIII Para 24 (2c) tal-Kunsilli Lokali għal-ammont ta' € 4658.74 ewros, din għandha tiġi mwaqqa'. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li din il-quotation għandha taqa' u toħrog oħra bħala tender.

## 5. Estimi għas-Sena 2012

L-Estimi *draft* għas-sena finanzjarja 2011 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel. Is-Sur M. Debono, l-*accountant* tal-Kunsill kien prezenti għal-laqgħa. Huwa qara l-estimi u wieġeb xi mistoqsijiet li saru.

L-estimi għas-sena finanzjarja 2011 kienu approvati kif jidher fuq id-dokument mehmuz mingħajr ebda emendi. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv għandu jippreżenta kopja finali fil-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 6. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif jaf kullħadd f'Marzu li ġej hemm l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali ġewwa Ħal Balzan u allura hemm xi prijoritajiet li jridu jitlestew jew ikunu fi stadju avvanzat qabel ma tagħlaq il-leġislatura fosthom li niġru wara 'l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma biex tittieħed deċizjoni fuq min ser jidħol għal dawn l-ispejjez kemm jista' jkun malajr fil-kaz tal-mains ta' l-ilma li jridu jinbidlu u li qed qegħdin jgħaddu minn taħt il-Pjazza Bertu Fenech.

Inkomplu ninsistu mal-Lands Department rigward id-Devoluzzjoni ta' l-art fi Triq Wesgħa Professur Guze Aquilina kif ukoll id-Devoluzzjoni tal-garaxx fi Triq FX Zahra.

Priorita oħra hija tat-Trasport Pubbliku li ir-rotta 55 terġa tibda'tgħaddi mir-rotta kif kienet qabel kif wkoll il-Wied ta' Ħal Balzan fejn minħabba ix-xogħlijiet kbar li jridu jsiru f'din it-triq, jitlob lil Transport Malta biex dawn ix-xogħlijiet isiru minn naħa tal-Gvern Centrali.

L-aħħar ħaġa hija is-sitwazzjoni tal- Proġett tal-Wied ta' Ħal Balzan taħt il-fondi tal-UIF fejn il-perit inkarigat minn dan ix-xogħol qed jieħu fit-tul biex jippreżenta il-pjanti għal approvazzjoni. Għandha tinbgħat ittra mill-aktar fiss possibbli fejn nuru id-diżappunt tagħna fil-konfront tal-perit għax din is-sitwazzjoni ta' dewmien ma tistax tkompli sejra.

## 7. Rapport tal-Ilmenti

**Ilment Nru 17011043158770**: Hemm bżonn li timtela ħofra f' Wied Ħal Balzan quddiem iċ-ċimiterju. Il -Viċi Sindku informa li diġa saru ix-xogħolijiet meħtieġa.

**Ilment Nru 17012035158876**: Bżonn ta' slow sign fi Triq il-Kbira fejn il-Frame It biex jiġu evitati xi aċċidenti.

## 8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-11 ta' Jannar 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 10738.65

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-

ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 9. Affarijiet Oħra

Il-Viċi Sindku tkellem fuq il-Festa Frott li ser issir nhar il-15 ta' April 2012 ġewwa 'l Palazz ta' San Anton, dwar kif ser nikkoordinaw din l-attivita' fliemkien mal-Kunsill ta'Attard. Is-Sindku qal li din is-sena 'l-finanzjament li ngħata mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali huwa biss ta' € 500 li huwa ħafna inqas mis-sena l-oħra u għalhekk irridu naraw kif din l-attivita ser issir għax is-sena l-oħra kienet suċċess kbir. Li hu żgur din is-sena hu li il-Lejla Balzanija din is-sena trid tieħu format ieħor fis-sens li jibdew isiru attivitajiet zgħar ta' darba fil-ġimgħa fuq medda ta' xaharejn fejn nolqtu 'l- gosti ta' kullħadd

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2012 fil-4.30pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mr. M. Mallia**
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Data